**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 82/2016 AL

A B

u

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Ottubru 1984 u liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg nru. 2088/84 hawn anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggorenni.

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku tat-28 ta' Jannar 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela hawn anness u mmarkat Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata 'de facto' ghal aktar minn hames snin u minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie pubblikat fit-28

ta' Jannar 2014 huma ntitolati biex japplikaw ghad-divorzju gja la darba ilhom separati ghal aktar minn 5 snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.

Il-kontendenti m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti C B trid tirriverti ghal kunjom xbubitha X.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti

2. Tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jindika fuq l-atti kollha rilevanti fir-Registru Pubbliku illi C B ser tirriverti ghal kunjom xbubitha X.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ;

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Jannar 2014 u ilhom de facto separati ghal aktar minn hames snin;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti C B talbet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha X. Il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.